MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Numru 318/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa')**

**V**

**Bartolomeo Agius ta' 37 sena bin Lawrence u Carmen nee Vella, imwieled Pieta' fis-17 ta' Dicembru, 1969, residenti f'Farm House, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Naxxar, u denentur tal-karta ta' l-identita' bin-nurmu 18970 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Bartolomeo Agius li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'xi perjodu bejn Dicembru 2006 u Jannar 2007 b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-

delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe certifikat tal-VRT falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentenement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn minhabba l-kariga jew l-impieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet tagheml hsara lil xi persuna jew iggib utli u cioe certifikat tal-VRT falz;

Kif ukoll talli fis-17 ta' Gunju, 2005 jew f'xi perjodu wara, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u cioe certifikat tal-VRT falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli u cioe certifikat tal-VRT falz;

U aktar talli f'Jannar, 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew

ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u cioe certifikati tal-VRT foloz;

U b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta' Ottubru, 2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba saibex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------